## Ma teżisti l-ebda tilqima għall-HCV

L-Epatite C ma tistax tiġi trażmessa permezz ta' kuntatt każwali, tgħanniq, bews, sogħla u għatis, jew permezz ta' qsim ta' ikel, ilma jew pożati.

## Kura għall-Epatite C

Il-persuni infettati kollha għandhom imorru għal viżti għand tobba speċjalizzati.

Il-kura tinvolvi għadd ta' mediċini varji. Is-suċċess tal-kura jiddependi fuq liema tip ta' vajrus ikollu l-pazjent, u fuq kemm ikun ilu li ġie infettat bih.

Il-mediċini antivirali jistgħu jikkawżaw diversi effetti sekondarji bħal dardir, għeja, dipressjoni, uġigħ ta' ras, raxx fil-ġilda u uġigħ fil-ġisem.

Jeħtieġ li jkun hemm moniteraġġ regolari sabiex il-progress tal-pazjent jiġi vvalutat. Jekk l-infezzjoni tgħaddi, il-pazjent ma jkunx reżistenti għall-Epatite C. In-nisa għandhom jevitaw li jinqabdu tqal waqt il-kura.

L-Epatite C

## Għajnuna disponibbli

- Tabib tal-familja (GP)
- Il-Klinika ĠenitoUrinarja (GU clinic) fuq **2122 7981**
- Id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard fuq **2326 6000**

**www.ehealth.gov.mt**
Fittex it-Taqsima tal-Prevenzjoni u l-Kontroll ta' Mard Infettiv taħt id-drop down menu tas-Saħħa Pubblika

Informazzjoni miġbura minn **Joanne Farrugia**
Disinn ta' **Stefan Attard**

SAHHTEK għal qalbna

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard
5B, The Emporium, Triq C. De Brocktorff, Msida MSD 1421 Malta.
Tel: 2326 6000, www.ehealth.gov.mt

Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Ⓟ 2012

# L-Epatite C

H E P

C

**L-Epatite C** (HCV) hija infezzjoni virali li tikkawża infjammazzjoni tal-fwied.

## Sinjali u Sintomi tal-Epatite C

- Sintomi qosra u ħfief li jixbħu lil dawk tal-influwenza
- Dardir u rimettar
- Dijarea
- Nuqqas ta' aptit
- Telf fil-piż
- Suffejra (meta l-abjad tal-għajnejn isir isfar, il-ġilda ssir safra, l-awrina ssir skura u l-ippurgar ikun ta' kulur ċar)
- Ħakk fil-ġilda

Madwar 20% tal-persuni infettati jegħlbu l-vajrus fi żmien 6 xhur. Madankollu, dan ma jfissirx li se jibqgħu reżistenti għal infezzjoni mill-ġdid minn dan il-vajrus.

Il-bqija (80%) tal-persuni infettati l-oħra jiżviluppaw infezzjoni kronika tal-Epatite C, li mhux dejjem tikkawża sintomi. Persuni infettati bħal dawn iġorru l-vajrus għall-bqija ta' ħajjithom, u b'hekk jibqgħu infettivi u ta' riskju għal ħaddieħor. Jistgħu jiżviluppaw kumplikazzjonijiet bħal ċirrożi tal-fwied u kanċer tal-fwied.

**Perjodu ta' inkubazzjoni:** (il-perjodu ta' żmien bejn meta sseħħ l-espożizzjoni għall-vajrus u meta s-sinjali u s-sintomi jibdew jidhru għall-ewwel darba) minn ġimagħtejn sa sitt gimgħat. Normalment minn 6 ġimgħat sa 9 ġimgħat.

## Testijiet Dijanjostici:

- Testijiet tad-demm
- Test tal-funzjonament tal-fwied
- Bijopsija tal-fwied

## Kif tista' tiġi infettat/a bl-Epatite C?

L-HCV hija infezzjoni li tittieħed permezz tad-demm

- Tislif ta' oġġetti li jintużaw biex tiġi injettata d-droga (labar, mgħaref li fihom tissaħħan id-droga u oġġetti oħra li jintużaw għat-teħid tad-droga mill-imnieħer). Din hija r-rotta primarja tal-infezzjoni
- Jekk tuża xfafar tal-leħja u xkupilji tas-snien ta' persuni infettati







- Jekk tuża tagħmir tat-tatwaġġi, tal-akupuntura jew tal-*body piercing* li ma jkunx ġie sterilizzat
- Jekk tiġi espost/a ghal xi demm waqt li tkun qed tagħmel sess minghajr protezzjoni xierqa ma' persuna infettata.It-trażmissjoni permezz tas-sess mhuwiex mod komuni kif wieħed jiġi infettat bl-HCV.
- Tingiż aċċidentali bl-labar f'kuntesti ta' kura tas-saħħa
- Għodda li tintuża fi proċeduri dentali u mediċi li jkun ikkontaminat u li ma jkunux ġew sterilizzat b'mod xieraq
- Rarament minn omm infettata lit-tarbija tagħha waqt it-twelid.







## Prevenzjoni

- Tissellifx labar u mgħaref li jintużaw għall-użu tad-droga, jew oġġetti li jintużaw għal prattiki ta' teħid ta' droga mill-imnieħer
- Tissellifx xfafar tal-leħja, xkupilji tas-snien jew oġġetti personali oħra li jinvolvu kuntatt ma' demm infettat.
- Dejjem uża l-kondoms waqt relazzjonijiet sesswali.
- Mur biss għand ħwienet tat-tatwaġġi, tal-akupuntura u tal-*body piercing* li huma liċenzjati.


L-Epatite C
L-Epatite C